# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 130/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**HPZ Freight Limited (C 41553) ġja' Fracht Malta Ltd**

**Vs**

**Aviation Parts and Trading (AP&T) Limited (C 80249) u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar it-18 ta' Ottubru 2021 ġie maħtur Dr. Mario Caruana bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tas-soċjetá konvenuta**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallasha l-ammont ta' erba' t'elef, mija u tletin Ewro (€4,130) rappreżentanti prezz għal

servizzi ta' trasport ta' merkanzija kif aħjar deskritt fl-Avviż. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż tal-proċeduri[1];

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 fejn dan it-Tribunal kien laqa' t-talba sabiex jiġi maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tas-soċjetá konvenuta[2];

Ra d-digriet tat-18 ta' Ottubru 2021, fejn dan it-Tribunal innomina lil Dr. Mario Caruana bħala kuratur deputat[3];

Ra li l-kuratur deputat ġie notifikat bis-6 ta' Jannar 2022 iżda ma ppreżenta l-ebda risposta u lanqas dehra f'dawn il-proċeduri[4];

Sema' x-xhieda ta' Patrick Mercieca[5] u ra dak reġistrat fis-27 ta' Jannar 2022 fejn dan il-proċediment tħalla għas-sentenza;

Ra l-atti proċesswali kollha;

## Ikkunsidra;

Illi kif diġa ġie muri fir-riassunt hawn fuq magħmul, wara li ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tas-soċjetá konvenuta, l-istess kuratur la ppreżenta oppożizzjoni formali għal dawn il-proċedimenti u lanqas ma rreġistra

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 18 tal-proċess.
[3] A fol 21 tal-proċess.
[4] Notifika tinsab *a tergo* ta' fol26.
[5] Xhieda relattiva tibda a fol 30 tal-proċess.

dehra[6]. B'hekk is-soċjetá konvenuta ma ppreżentat l-ebda linja difensjonali għat-Talba hawn issa deċiża.

Illi minn naħa l-oħra, xehed Patrick Mercieca, rappreżentant tas-soċjetá attriċi li spjega fid-dettal x'kien jinvolvi l-ammont dovut u l-fatt li ma tħallas xejn minnu. Aktar minn hekk, mill-korrispondenza eżebita jirriżulta li rappreżentant tas-soċjetá konvenuta kien aċċetta[7] l-eżistenza tad-debitu u li kien sejjer isir il-ħlas relattiv[8]. Irid jiġi mfakkar li ammissjoni, anke jekk magħmula barra mill-edifiċċju tal-qorti, titqies bħala prova kontra min ikun għamilha[9].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqá t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi is-somma ta' erba' t'elef, mija u tletin Ewro (€4,130), bl-imgħax legali mit-30 ta' Ġunju 2018[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[6] It-Tribunal iqis doveruż ifakkar f'dak li jrid l-artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[7] Propju dwar ammissjoni magħmula f'korrispondenza elettronika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **APS Bank Limited vs Francis Xavier Micallef,** (App Ċiv Għawdex Nru: 15/2008/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010.

[8] Issir referenza għal-korrispondenza magħmula permezz ta' posta elettronika eżebita mix-xhud Patrick Mercieca u li tinsab a fol 36 *et seq* tal-proċess.

[9] Rilevanti hawnhekk l-artikoli 632, 693 u 694(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[10] Data li fiha l-ammont mitlub ġie interament dovut, kif konfermat mir-rappreżentant tas-so1jetá attriċi u kif jirriżulta mir-rendikont eżebit a fol 43.